# Xewqet ir-Ruħ
## Poeżija ta' Frans Borg

Ix-xewqa li ngħix għal dejjem
tħeġġiġni nagħnet qatigħ
il-ħerqa f'ħajja bla temma
issuqni noħlom sabiħ.

Il-ħolma tal-għajn tixxennaq
ħa taqta' xewqet ir-ruħ
biex tgħix misteru ewlieni
fid-dija w is-sebħ merfugħ.

Is-seħer tal-għana smewwi
li bħalu qatt smajt imkien
fil-widna jibqa' jiġġedded
mal-milja w it-tul taż-żmien.

Ix-xatba tal-moħħ titberraħ
biex tifhem dak li hu tqil
li tħoll l-għoqiedi li qarstu
misteru bla għarfa u qalil.

Il-ħerża tal-qalb titwessa'
tinfetaħ għall-ferħ bla tmiem
ta' hena, barka, foħrija
tindamm mill-fomm bl-isbaħ kliem.

Din hija l-ġiża li twiegħdet
dan huwa l-wirt merfugħ
għal min fuq l-art qdieh u għarfu
dawk li l-Mulej iħobbuh.

Tifsiriet: nagħnet – nirsisti;
qarstu – ippakjaw;
ġiża – premju.

Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270





ímsíebaħ
PARROĊĊA SANTA MARIJA - BIRKIRKARA
Novembru 2014

## Il-Kelma tal-Kappillan

Aħna maħluqin għall-Ħajja ta' Dejjem. In-nisrani huwa bniedem li għandu ħila jistenna; huwa jemmen li għad jiltaqa' mal-Mulej Alla u jgħix miegħu għal dejjem. L-ulied posthom mhux fit-trab imma fi ħdan missierhom. In-nisrani jemmen li l-ħajja tiegħu ma tispiċċax bil-mewt tal-ġisem. Alla żera' f'qalbna xewqat sbieħ ta' hena, imħabba u paċi. Possibbli dawn ix-xewqat hekk kbar se jispiċċaw fix-xejn? Żgur li le. Alla ma jidħakx bina. Aħna ser inkunu fejn marru Ġesù u Marija qabilna.

Il-ħajja, minkejja tbatijiet kbar, mhijiex traġedja. Kull meta nara tifel jilgħaq ġelat bil-qalb, jew kull meta nara omm tifraħ bit-tarbija tagħha, jew kull meta nara raġel iżiegħel b'martu, nara f'dawn ix-xeni ħjiel tal-ferħ safi u dejjiemi li hemm lest għall-bniedem li jemmen. Il-ħajja tagħna għandha skop li ma jispiċċax mal-mewt ta' ġisimna. Aħna maħluqin biex ingawdu lil Alla fl-eternità.

Ħafna nies ixandru ħajja bla futur u jgħixu biss għad-dinja u għall-pjaċiri tagħha; imma n-nisrani jgħix b'ħarstu fuq il-Ħajja ta' Dejjem. Meta f'ħajjitna fuq l-art ikollna ħarsitna fuq il-Ġenna, ngħixu ħajja tajba li tferraħna u tressaqna lejn Alla. Il-fidi nisranija turina li quddiem Alla dak li jgħodd mhux x'għandek imma x'int. Dak li jgħodd quddiem Alla huwa kif qed tgħix ħajtek.

Għad ikollna r-rebħa tat-tama fuq id-dwejjaq, ir-rebħa tas-sliem fuq l-ansjetà. Għad ikollna r-rebħa tal-ferħ u tas-sbuħija fuq meta nħossuna mxebbgħa u ddiżgustati, ir-rebħa tal-komunjoni fuq l-individwaliżmu. Għad ikollna r-rebħa tal-ħajja fuq il-mewt. Xi ħadd jista' jgħid li dan huwa kollu kliem sabiħ, iżda kliem fl-arja. Mhuwiex hekk għax dan kollu ġa seħħ f'Marija, li ġiet imtellgħa s-Sema bir-ruħ u bil-ġisem. Kulma tgawdi Marija Santissima huwa frott tal-ħniena u tal-kobor ta' Alla, u huwa d-destin ta' kull min jemmen.

Matul dan ix-xahar ta' Novembru nitolbu għall-għeżież mejtin tagħna u nitolbu lil Alla jimliena bit-tama hienja tal-Ħajja ta' Dejjem.

***Fr Lino***

# Djarju - Novembru 2014

| | |
|---|---|
| **Is-Sibt 1** | Solennità tal-Qaddisin kollha. Illum il-Knisja tiċċelebra f'festa waħda t-tifkira tal-Qaddisin kollha li jinsabu magħquda ma' Kristu fil-glorja. Aħna nimxu fuq l-eżempji tagħhom u nifirħu bil-ħarsien tagħhom. Il-quddies ikun fis-7.00a.m., fit-8.30a.m. u fis-6.00p.m. Ikun tajjeb ħafna li llum nieħdu sehem fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. |
| **Il-Ħadd 2** | Illum nagħmlu t-Tifkira Solenni ta' Ħutna l-Mejtin Kollha. |
| **Il-Ġimgħa 7** | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Illum Ġesù Ewkaristija jkun espost għall-qima tagħna bejn id-9.00a.m. u 12.00p.m. u mill-4.00p.m. u sas-6.00p.m. Bejn il-4.45p.m. u s-5.45p.m. ikollna adorazzjoni mmexxija mill-Grupp tal-Ħniena Divina. |
| **Il-Ħadd 9** | Festa tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran f'Ruma. Fl-10.00a.m. ikollna l-Quddiesa bl-għoti tas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof immexxija minn Monsinjur Isqof Charles Scicluna. |
| **Il-Ħamis 13** | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ġimgħa 14** | Illum issir konferenza dwar l-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Gaudium* tal-Papa Franġisku. Kulħadd huwa mistieden. Niltaqgħu fiċ-ċentru parrokkjali tal-parroċċa ta' Fleur-De-Lys bejn is-7.00p.m. u t-8.30p.m. |
| **Il-Ħadd 16** | It-33 Ħadd ta' matul is-Sena A: Li nishru u li nkunu ppreparati għall-miġja ta' Ġesù jfisser li nħaddmu s-sejħa u t-talenti kollha għall-ġid tagħna u tal-oħrajn. |
| **Il-Ħamis 20** | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ġimgħa 21** | Illum ikollna l-Assemebla Parrokkjali. Kulħadd huwa mistieden. Niltaqgħu fiċ-ċentru parrokkjali bejn is-6.30p.m. u t-8.30p.m. |
| **Il-Ħadd 23** | Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu. Ġesù mhuwiex sultan ta' din id-dinja. Is-saltna tiegħu hija waħda ta' mħabba. Ġesù jsaltan permezz tas-salib. Ġesù miet fuq is-salib biex lilna jaħfrilna dnubietna u biex idaħħalna fis-Saltna tas-Sema. |
| **Il-Ħamis 27** | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ħadd 30** | L-1 Ħadd ta' l-Avvent tas-Sena B: Il-Mulej Ġesù għad jerġa' jiġi. Iżda kif u meta ma nafux. L-insara, għalhekk, jeħtiġilhom jishru u jżommu għajnejhom miftuħin. Ħażin għal min ma jkunx ippreparat biex jilqa' lill-Mulej. |



**Konferenza dwar l-Eżortazzjoni Appostolika**
***Evangelii Gaudium* tal-Papa Franġisku**
**organizzata mill-ħames parroċċi ta' B'Kara flimkien.**

Il-Ġimgħa 14 ta' Novembru

fiċ-ċentru parrokkjali tal-parroċċa ta' Fleur-De-Lys

bejn is-7.00p.m. u t-8.30p.m.

Imexxi Dun Hector Scerri.

Kulħadd huwa mistieden.

## Assemblea Parrokkjali 2014
## Niddiskutu l-Pjan Pastorali 2015-2017

**Il-Ġimgħa 21 ta' Novembru**
**6.30p.m. – 8.30p.m. fiċ-ċentru parrokkjali**

Mistiedna dawk kollha impenjati fil-gruppi, fl-għaqdiet, fil-kummissjonijiet u fil-ħidmiet l-oħra kollha li jsiru fil-parroċċa. Mistiedna wkoll dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-parroċċa tagħna u l-ħidma pastorali.

***Ejja u agħti sehmek inti wkoll.***

## Ħinijiet tal-Quddies u tal-Uffiċċju Parrokkjali

**Ħinijiet tal-Quddies**
*Mit-Tnejn sas-Sibt:* 7.00a.m., 8.30a.m., 6.00p.m.
*Il-Ħadd:* 7.00a.m., 8.30a.m., 10.00a.m., 6.00p.m.

**Tixtieq tqerr?**
Idħol fis-sagristija qabel jew wara l-quddiesa.

***Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali:***
*It-Tnejn u l-Erbgħa:*
4.30p.m. – 5.30p.m.
*Is-Sibt:* 9.30a.m. – 11.00a.m.
*Tel:* 21 448 026 / 27 448 026
*E-mail:* parrocca.b'kara.sm@maltadiocese.org